MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 650/2011

**Joseph Aquilina (K.I. 224559M) u Marianne Aquilina (K.I. 627459M)**

***kontra***

**[1] Dr. Edward Woods fil-kwalita` tieghu qua stralcjarju ta` Stivala (Wines & Spirits) Limited (C-6850) ; u**

**[2] Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

**[3] Alfred Stivala (K.I. 502644M) u Alex Borg Cardona (K.I. 418647M) ghal kull interess li jista` jkollhom**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Lulju 2011 li jaqra hekk –

*Illi s-socjeta` Stivala (Wines & Spirits) Limited kienet tat garanzija ghal hlas ta` debitu li kellha s-socjeta` kummercjali llum defunta Stivala Distributors Limited (C13341), u dan in forza ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Mark Coppini datat tnax ta` Gunju tas-sena elf disa` mija tmienja u disghin (12.06.1998).*

*Illi l-intimati, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona, permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tal-hmistax ta` Dicembru tas-sena elfejn (15.12.2000), iddikjaraw illi huma hallsu parti mid-debitu dovut mis-socjeta` Stivala Distributors Limited liema debitu kien kostitwit bhala cert, likwidu u dovut, ai termini tal-kuntratt in atti n-Nutar Mark Coppini, u konsegwentement, gew surrogati skond l-istess kuntratt fid-drittijiet tal-kreditur tas-socjeta` Stivala Distributors Limited.*

*Illi mill-winding up accounts u d-dokumenti relattivi tas-socjeta` Stivala (Wines & Spirits) Limited ma jirrizultax li dan gie mehud in konsiderazzjoni, in oltre d-diretturi u cioe` l-intimati Alex Borg Cardona u Alfred Stivala, iddikjaraw illi rrinunzjaw ghal directors` loan li kienu ghamlu lis-socjeta` Stivala (Wines & Spirits) Limited.*

*Illi nonostante li tali garanzija ma gietx dikjarata u lanqas ghaliha ma saret riferenza, kif ukoll saret rinunzja da parti tad-diretturi u cioe` l-intimati Borg Cardona u Stivala ghad-directors` loan, wara li l-isem ta` din il-kumpannija tnehha mir-Registru tal-Kumpanniji, l-intimati Borg Cardona u Stivala ntavolaw proceduri kontra r-*

*rikorrenti in forza tal-kostituzzjoni ta` debitu hawn fuq citata.*

*Illi mid-dokument li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata bhala DOK. JA1, jirrizulta li hemm nuqqasijiet fil-procedura tal-winding up accounts, u ghalhekk qieghda tigi ntavolata din il-procedura.*

*Illi a tenur tal-Artikolu 300B tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-esponenti ghandhom kull interess li l-isem ta` din il-kumpannija tigi restitwita fir-Registru tal-Kumpanniji, kif ukoll li l-process tal-istralc jerga` jinfetah.*

*Illi dan hu l-uniku rimedju li ghandhom l-esponenti fic-cirkostanzi, stante li l-process hawn fuq indikat huwa vvizzjat b`nuqqasijiet serji.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li, ghar-ragunijiet suindikati, din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tordna li isem il-kumpannija suindikata u cioe` Stivala (Wines & Spirits) Limited ikun restitwit fir-registru tal-kumpanniji u fit-tieni lok li l-istralc in konnessjoni ma` din il-kumpannija jerga` jinfetah.*

*Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti skond il-ligi.*

Rat id-dokument li kien prezentat flimkien mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji prezentata fid-19 ta` Awissu 2011 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ma taw l-ebda indikazzjoni ta` x`interess ghandhom jew jista` jkollhom fil-kawza odjerna. Infatti, lanqas biss huwa ndikat fir-rikors promotur f`liema kapacita` ir-rikorrenti qeghdin jintavolaw ir-rikors taghhom. L-artikolu 300B(1) huwa car illi persuna li tavvanza t-talba ai termini tal-istess artikolu trid tkun parti interessata. Ghalhekk, fin-nuqqas li jigi ppruvat ghas-sodisfazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti l-locus standi tar-rikorrenti u x`interess ghandhom jew jista` jkollhom skond il-ligi f`din il-kawza, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li l-kawza odjerna hija rritwali u minghajr ebda bazi legali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*2. Illi mighajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu, mir-rikors promotur tar-rikorrenti jidher car li hemm proceduri pendenti bejn l-intimati Alfred Stivala u Alex Borg Cardona u r-rikorrenti. In vista ta` dawn il-proceduri, u in vista tan-nuqqas ta` informazzjoni cara fir-rikors promotur, ma jirrizultax li r-rekwizit tal-artikolu 300B(3) gie sodisfatt.*

*3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li l-isem ta` kumpannija jigi restawrat fuq ir-registru u l-istralc jerga` jinfetah ai termini tal-artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji, jehtieg ukoll li r-rikorrenti jippruvaw li l-istralc u t-thassir tal-kumpannija kien ivvizzjat bi frodi jew b`illegalita` ta` natura materjali. Ghalkemm ir-rikorrenti jallegaw xi nuqqasijiet fil-procedura li wasslet ghas-sottomissjoni tal-winding up accounts ghar-registrazzjoni, ma tinghata l-ebda indikazzjoni ta` f`xiex jikkonsistu dawn in-nuqqasijiet. Wisq inqas ma gie ppruvat, jew imqar imsemmi, it-tieni element sine qua non tal-azzjoni kkontemplata mill-artikolu 300B tal-Att Dwar il-Kumpanniji, u cioe` l-frodi jew l-illegalita` materjali.*

*Ghalhekk, ghar-ragunijiet suesposti, ir-Registratur tal-Kumpanniji jitlob lil din l-Onorabbli Qorti :*

*(a) Tichad it-talbiet tar-rikorrenti, sakemm ma jigix ippruvat bic-car li jezistu l-kondizzjonijiet mehtiega mill-artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji, salv kull provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq ; u*

*(b) Tordna lir-rikorrenti jhallsu l-ispejjez ta` din il-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat Registratur tal-Kumpanniji.

Rat ir-risposta tal-intimati Dr. Edward Woods fil-kwalita` tieghu ta` stralcjarju ta` Stivala (Wines & Spirits) Limited, Alfred Stivala (K.I. 502644M) u Alex Borg Cardona (K.I. 418647M) prezentata fit-<u>12 ta` Settembru 2011</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, l-esponenti jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrenti gia` pprezentaw rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti (Rik. Nru. 277/10CFS), fejn qed jitolbu lill-istess Qorti sabiex tiddikjara li l-ittra ufficcjali tal-10 ta` Marzu 2010 ma tistax tirrendi l-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tat-12 ta` Gunju 1998 esegwibbli ai termini tal-art. 256 tal-Kap. 12. Is-smigh ta` dak ir-rikors jinsab fi stadju avvanzat tant li qieghed ghall-gheluq tal-provi.*

*2. Ir-rikorrenti jrid jiddikjara l-interess guridiku li ghandu sabiex iressaq dan ir-rikors. Dan qieghed jinghad ukoll minhabba l-fatt li r-rikors promotur huwa skars mill-informazzjoni li tippermetti risposta kompleta.*

*3. Inoltre, l-esponenti Avukat Dr. Edward Woods ma ghandu l-ebda locus standi f`din il-kawza u dan peress*

*li l-inkarigu li inghata kien ta` stralcjarju, liema inkarigu gie espletat korrettement u skond il-ligi. Jekk ir-rikorrenti ghandhom xi dubbju dwar dan, huma ghandhom jiddikjaraw in limine litis, x`inhuma n-nuqqasijiet li skond huma jirrizultaw mill-process tal-istralc.*

*4. In linea preliminari wkoll, l-intimat Alex Borg Cardona u Alfred Stivala ukoll m`ghandhom l-ebda locus standi f`din il-kawza, stante li huma ma kinux l-azzjonisti tas-socjeta` Stivala (Wines and Spirits) Ltd., izda tas-socjeta` Stivala Distributors Ltd.*

*5. Difatti, it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ordnat ir-restituzzjoni tal-isem tas-socjeta` Stivala (Wines and Spirits) Ltd. fir-registru tal-kumpanniji ma tistax tigi milqugha, u dan peress illi l-unika azzjonista tal-istess socjeta` kienet il-kumpannija Stivala Distributors Ltd., li l-isem taghha gie mnehhi mir-registru tal-kumpanniji. Ghalhekk, kieku kellha tigi milqugha t-talba attrici, is-socjeta` Stivala (Wines and Spirits) Ltd. tkun minghajr azzjonisti. Dan hu rizultat tan-nuqqas tar-rikorrenti li, ghal xi raguni jew ohra, ma pprezentawx rikors simili ghal dak odjern fil-konfront tas-socjeta` Stivala Distributors Ltd.*

*6. Fil-mertu, il-procedura kollha tal-istralc u dik il-winding up accounts saret korrettement u skond il-ligi. Sabiex tirnexxi azzjoni bhal din, trid tingieb prova li 'l-istralc u thassir tal-kumpannija ikun vizzjat bi frodi jew b`illegalita` ta` natura materjali'. Imkien fir-rikors taghhom ir-rikorrent ma allegaw vizzji bhal dawn, izda biss li skond huma 'jirrizulta li hemm nuqqasijiet fil-procedura tal-winding up accounts'.*

*7. It-talba tar-rikorrenti hija wkoll insostenibbli, u dan billi l-istess rikorrenti kienu jafu b`dak kollu li kien qed jigri fl-istess Stivala (Wines and Spirits) Ltd. mill-gurnata stess li l-bord tad-diretturi tal-istess kumpannija ddecieda li jqieghed din is-socjeta` kummercjali f`likwidazzjoni*

*volontarja. Ir-rikorrenti Joseph Aquilina gie ufficjalment mitlub jattendi ghal din il-laqgha permezz ta` notifika datata 2 ta` Mejju 2002, mibghuta permezz ta` ittra registrata u debitament notifikata. Joseph Aquilina ghogbu ma jattendix ghal dik il-laqgha. Ghalhekk issa l-istess Aquilina qieghed jippretendi li, minkejja l-agir skonsiderat u nkuranti tieghu, u kwazi hames snin shah wara li l-isem tas-socjeta` Stivala (Wines and Spirits) Ltd. gie mnehhi minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, din l-Onorabbli Qorti tordna li l-istess isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq dan ir-registru. Inoltre, l-istess Joseph Aquilina kien id-direttur manigerjali tas-socjeta` Stivala Distributors Ltd., azzjonista tas-socjeta` mertu tar-rikors odjern ; m`hemm l-ebda dubbju illi l-istess Aquilina kien konsapevoli tal-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, liema qaghda kien responsabbli ghaliha hu, tant illi meta l-intimati Borg Cardona u Stivala offrew li jghaddu lir-rikorrenti, minghajr hlas, l-ishma kollha li kellhom fis-socjeta` Stivala Distributors Ltd., hu m`accettax.*

*8. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-kumpannija Stivala (Wines and Spices) Ltd. ma kellhiex debiti hija frivola u nfondata. Ir-rikorrenti jafu sewwa illi din is-socjeta` kienet isservi ta` garanti ghall-hlas lura tad-dejn maghmul minn Stivala Distributors Ltd., liema dejn kien ir-rizultat tal-mod inkuranti jekk mhux addirittura llegali ta` kif giet gestita din il-kumpannija mill-istess Joseph Aquilina.*

Rat id-dokument li kien prezentat mir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2012.

Semghet id-deposizzjoni tal-intimati Alfred Stivala, Alex Borg Cardona u Av. Edward Woods fl-udjenza tat-12 ta` April 2012 u rat id-dokumenti li kienu prezentati mir-rikorrenti waqt l-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-hames u s-seba` eccezzjonijiet tal-intimati Av. Edward Woods, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona ghall-udjenza tad-29 ta` Novembru 2012.

Rat is-sentenza illi tat fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, fl-ewwel lok cahdet il-hames eccezzjoni tal-intimati Dr. Edward Woods, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona, fit-tieni lok astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-seba` eccezzjoni tal-istess intimati filwaqt li rriservat li taghti provvediment finali dwarha fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz, u fit-tielet lok ipprovdiet illi l-ispejjez kellhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrent Joseph Aquilina.

Semghet il-kontroezami tar-rikorrent Joseph Aquilina fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2013.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-intimati Av. Edward Woods, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona fl-istess udjenza.

Rat id-dokument li prezentat mill-intimat Registratur tal-Kumpanniji fid-19 ta` Frar 2013.

Rat id-dokumenti li pprezentaw l-intimati Av. Edward Woods, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013.

Rat id-digriet taghha moghti f`din l-ahhar udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar il-

kwistjoni tal-interess kif din hija riflessa fl-eccezzjonijiet tal-intimati.

Rat illi l-intimat Registratur tal-Kumpanniji indirizza l-kwistjoni tal-interess tar-rikorrenti fl-ewwel eccezzjoni tieghu, waqt illi l-intimati l-ohra indirizzaw l-istess kwistjoni fit-tieni eccezzjoni taghhom.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-Art.300B tal-Kap.386</u>**

Huwa maghruf u mizmum fid-dritt socjetarju li kumpannija tibqa` tezisti u tgawdi l-personalita` guridika taghha sa dak il-hin li isimha jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji. Meta l-isem ta` kumpannija hekk jithassar, titqies legalment bhala persuna li tkun "*mietet*". Din il-qaghda taghha tibqa` hekk sakemm ma jkunx hemm raguni serja bizzejjed biex terga` "*tirxuxtaha*".

L-**<u>Art.300B</u>** hija disposizzjoni partikolari fl-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji li, taht cirkostanzi **<u>partikolari u specjali</u>**, taghti rimedju. Taqra hekk –

*(1) Meta kumpannija tkun thassret minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah.*

*(2) Meta, fuq rikors maghmul taht is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralc u t-thassir tal-kumpannija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah ghal dawk*

*ir-ragunijiet u ghal dak iz-zmien li l-Qorti tispecifika fid-decizjoni taghha, u l-Qorti ghandha taghti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti ghandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

*(4) Fid-decizjoni taghha l-Qorti ghandha wkoll tiddeciedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi taghha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk ghandhomx japplikaw limitatament ghal persuni specifiki indikati fid-decizjoni.*

*(5) Ma jista' jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

Minn ezami akkurat tad-disposizzjoni, jirrizulta illi sabiex il-Qorti taghti konsiderazzjoni lit-talba tar-rikorrent, dan irid jissoddisfa l-pregudizzjali li hemm inkorporata fl-ewwel (1) subinciz tal-Art.300B u cioe` illi jikkwalifika bhala *persuna interessata* li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah. Il-prova li huwa *persuna interessata* tispetta lir-rikorrent. Jekk tkun superata din il-pregudizzjali, il-Qorti tghaddi mbaghad ghall-konsiderazzjoni tar-rekwizit li huwa nkorporat fit-tieni (2) subinciz, u cioe` li l-istralc u t-thassir tal-kumpannija kien vizzjat bi frodi jew b`illegalita` ta` natura materjali. Anke din il-prova tispetta lir-rikorrent. Din il-Qorti terga` tishaq li r-rimedju huwa *of strict application*, straordinarju u eccezzjonali.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Provi</u>**

**Li sejra tiddeciedi din il-Qorti bil-provvediment tal-lum huwa jekk fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji u tat-tieni**

**eccezzjoni tal-intimati l-ohra, ir-rikorrenti jikkwalifikawx bhala "*persuna interessata*" skond l-ewwel (1) subinciz tal-Art 300B. Mill-atti akkwiziti sejra ghalhekk tislet dawk biss mill-provi li jirrelataw ma` din il-kwistjoni.**

Ir-**rikorrent** jixhed illi huwa kien azzjonista u direttur ta` Stivala (Wines & Spirits) Ltd u ta` Stivala Distributors Limited. Din l-ahhar kumpannija kienet kostitwita sabiex tiehu hsieb l-agenziji ta` Farsons. Fiz-zewg kumpanniji, hu u l-intimati Alex Borg Cardona u Alfred Stivala kienu diretturi u azzjonisti fi kwoti ndaqs. Stivala Ditributors Limited kienet debitrici ta` Simonds Farsons Cisks plc. Sar kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu favur il-kreditici. Hu u l-mara tieghu dahlu garanti. Hekk sar ukoll mill-intimati Stivala, Borg Cardona u minn Stivala (Wines & Spirits) Ltd. Id-debitur principali kienet Stivala Distributors Limited. Iz-zewg kumpanniji kellhom assi bizzejjed biex jithallsu l-kredituri kollha u kwindi ma kienx hemm htiega ghall-garanzija personali tieghu u ta` martu.

Kompla jixhed hekk –

*Biex naghlaq nerga` nghid li l-garanzija personali tieghi u ta` marti thalliet barra fil-winding up accounts …*

*Jiena ghalhekk ghandi interess li permezz ta` dan ir-rikors tigi restitwita fir-registru tal-kumpanniji l-kumpannija Stivala (Wines & Spirits) Limited billi minghajr ma naf, fil-winding up tal-kumpannija ma gewx mehuda in konsiderazzjoni pagamenti li saru u li d-diretturi Borg Cardona u Stivala irrinunzjaw ghal director`s loan li kien ghamlu lis-socjeta` Stivala (Wines & Spirits) Limited.*

Fil-**kontroezami**, ir-rikorrent xehed illi fil-bidu kienet kostitwita Stivala (Wines & Spirits). L-azzjonisti kienu hu, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona. In segwitu sar trasferiment tal-ishma u l-unika azzjonista ta` Stivala (Wines & Spirits) Limited saret Stivala Distributors

Limited. Hekk baqghet strutturata l-kumpannija sakemm giet xjolta. L-azzjonisti ta` Stivala Distributors Limited kienu l-istess tlieta u cioe` r-rikorrent, Alfred Stivala u Alex Borg Cardona. Ikkonferma li Stivala Distributors Limited kienet *struck off* fl-2008.

Mill-atti esebiti mill-intimat Registratur tal-Kumpanniji jirrizulta li Stivala Distributors Limited (C13341) kienet *struck off* fid-19 ta` Dicembru 2008.
Din l-istess kumpannija kienet kostitwita qabel l-1995 u giet *compliant* meta dahal fis-sehh l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji li ha post l-Ordinanza. Il-kumpannija kienet xjolta fid-19 ta` Jannar 2004. L-istralcarju appuntat kien Av. Chris Soler. Skond l-ahhar *annual return* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2002, l-azzjonisti kienu Alfred Stivala Co Ltd (6669 –il sehem) Alex Borg Cardona (6669 –il sehem) Joseph Aquilina (6669 –il sehem) u Stivala Wines & Spirits Ltd (10 ishma). Id-diretturi kienu Alfred Stivala, Joseph Aquilina u Alex Borg Cardona.

Mill-atti esebiti mill-intimati Dr Woods, Stivala u Borg Cardona fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013, jirrizultaw il-minuti ta` laqgha tal-bord ta` Stivala Distributors Limited. Ighidu hekk –

*Mr Alfred Stivala and Mr Alex Borg Cardona agreed to place the company into liquidation and to appoint Dr Chris soler LLD to act as liquidator. Mr. Joseph Aquilina did not express an opinion.*

*Mr. Alfred Stivala and Mr Alex Borg Cardona agreed that the Company should acquire the shares held by Stivala (Wines & Spirits) Limited in Stivala Districtuors Limited (acquisition of own shares). Mr Joseph Aquilina did not express an opinion.*

*Mr. Alfred Stivala and Mr Borg Cardona agreed that any amounts due between Stivala (Wines & Spirits) Limited and Stivala Distributors Limited are to be waived since no funds are available for the settlement of such*

*amounts. Mr Joseph Aquilina did not express an opinion …*

**Ikkunsidrat :**

## IV. Rizultanzi

Skond l-ewwel (1) subinciz, il-procedura kontemplata bl-Art 300B tiskatta b`rikors li jista` jsir minn *kull persuna interessata.*

Il-frazi *persuna interessata* mhijiex definita. Ghalkemm il-Kap 386 huwa *lex specialis* din il-Qorti tghid illi sabiex persuna taghti bidu ghal dan il-prociment, li kif diga` nghad huwa *of strict application*, straordinarju u eccezzjonali, il-parti rikorrenti jrid ikollha *interess guridiku.* Ghalhekk il-qies ta` l-*interess* li jghodd ghall-procedimenti ordinarji japplika ghall-procediment tal-lum.

Sabiex ikun stabbilit jekk ir-rikorrenti jikkwalifikawx bhala *persuni interessati* din il-Qorti trid necessarjament tittratta r-raguni ghala r-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem ta` l-kumpannija Stivala (Wines & Spirits) Limited jigi restitwit fir-Registru tal-Kumpanniji.

**Ghalkemm waqt id-deposizzjoni tieghu, ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-garanzija personali li hu u martu kienu taw fil-kostituzzjoni ta` debitu li kien sar a favur tal-kreditur Simonds Farsons Cisks plc, fir-rikors promotorju, din il-Qorti la ssib riferenza ghall-garanzija personali u lanqas ghal dak il-kreditur – skiet perfett fir-rikors promotorju. L-istess att promotorju jirreferi ghall-garanzija li Stivala (Wines & Spirits) Limited jinghad illi tat lil Stivala Distributors Limited ghal hlas ta` debitu li kellha. Issir riferenza ghal kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-**

**Nutar Dr. Mark Coppini tat-12 ta` Gunju 1998. <u>Pero` dan il-kuntratt – li huwa prova determinanti – jibqa` ma jigix esebit</u>. Isir riferenza ghal kuntratt iehor tal-15 ta` Dicembru 2000 li fih jinghad li kienu nvoluti l-intimati Alfred Stivala u Alex Borg Cardona ; <u>pero` lanqas dan ma kien esebit</u>. Ma rrizultax kif l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi *l-intimati Alex Borg Cardona u Alfred Stivala, iddikjaraw illi rrinunzjaw ghal directors` loan li kienu ghamlu lis-socjeta` Stivala (Wines & Spirits) Limited* tolqot il-fondatezza tal-istanza taghhom. Hemm riferenza fir-rikors promotorju ghal kawza ohra bejn ir-rikorrenti u l-intimati Borg Cardona u Stivala illi ma huwa car propju xejn kif tirrigwarda l-istanza tal-lum.**

Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-gurisprudenza –

*Rekwizit imprexxibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu* (“**<u>Balluci vs Vella Gera</u>**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; “**<u>Zammit vs Formosa et</u>**” – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; “**<u>Zammit Psaila et vs Ellul</u>**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956). L-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti (“**<u>Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et</u>**” – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). *L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghal-proponibilita` ta` domandi fi*

*kwalunkwe sede kontenzjza ; huwa l-baz tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza* ("**Camilleri et vs Sammut et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

Meta tinserixxi dawn l-insenjamenti fil-kuntest tal-provi akkwiziti, din il-Qorti ma tistax issib rabta bejn it-talba tar-rikorrenti u r-ragunijiet taghhom li skattaw dik it-talba. Dan il-fatt qed jigi rilevat mhux ghall-finijiet ta` mertu, izda ghall-fini ta` interess, li bla dubju huwa vitali sabiex tiskatta l-istanza, li din il-Qorti terga` ssostni li hija *of strict application*, straordinarju u eccezzjonali. Il-kwistjoni tal-*interess* tar-rikorrenti kienet sollevata *in limine litis* mill-intimati kollha. Il-prova tal-*interess guridiku* tar-rikorrenti kienet jispetta lir-rikorrenti. Din il-Qorti mhijiex sodisfatta bil-prova tar-rikorrenti fl-assjem taghha.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi hekk –**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji ;**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-intimati l-ohra ;**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti ;**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha, inkluzi l-ispejjez tal-provvediment taghha tad-29 ta` Novembru 2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------